**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D.**

**Appell Nru: 28/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Azzopardi**

**Illum 15 ta' Gunju, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 570181M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar ta' Lulju w Settembru, 2016, fil-gzejjer Maltin:

1. Diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat;

2. Naqas milli jaghti lil Lourdes Bianchi, s-somma ta' 400 Ewro, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu fi zmien hmistax –il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt, kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-18 ta' Jannar, 2017, fejn il-Qorti, sabet lill-imsemmi mputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal xahar detenzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Azzopardi, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka, thassar, tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lir-rikorrenti hati tal-akkuzi migjuba kontrieh, tirriformaha ghal dik li hija l-piena nflitta ta' xahar detenzjoni u dana billi taghti piena iktar xierqa u gusta ghac-cirkostanzi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Joseph Azzopardi huma s-segwenti w *cioe'*:-

Illi l-aggravju huwa car u manifest li jikkonsisti li x-xahar impost fuq ir-rikorrenti kienu ghal kollox ezagerati tenut kont tal-fatti tal-kaz.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 2018 din il-Qorti giet infurmata li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Joseph Azzopardi fil-meritu. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena karcerarja u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.

Antonio Mizzi

Imhallef